# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 18**

**Rikors Numru : 881/2011/JPG**

**Island Ferry Three Company Limited (C11944)**

**VS**

**Supreme Travel Limited (C16048)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors ta' Island Ferry Three Company Limited tas-7 ta'Settembru 2011,li jaqra hekk:

*"Illi b'konvenju tal-15 ta'Marzu 2011, is-socjeta' Island Ferry Three Company Limited obbligat ruhha li tbiegh u s-socjeta' Supreme Travel Limited obbligat ruhha li tixtri 'tale quale' l-lanca M.V. San Carlos II, registrata f'Valletta, Malta bin-numru 08128;*

*Illi dan il-konvenju kien validu sas-seba' (7) ta' Gunju 2011, liema konvenju gie estiz bi qbil bejn il-partijiet sas-seba' (7) ta'Lulju 2011, u eventwalment sal-ghaxra (10) t'Awissu 2011.*

*Illi s-socjeta' attrici otteniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex isir il-bejgh permezz ta'digriet tas-seba' u ghoxrin (27) ta'Gunju 2011, kopja ta'liema digriet gie moghti lis-socjeta' konvenuta ftit granet wara.*

*Illi minkejja dan, is-socjeta' konvenuta baqghat ma ressqitx fuq il-kuntratt ta' bejgh minhabba problemi finanzjarji u l-konvenju gie estiz sal-ghaxra (10) ta'Awissu 2011.*

*Illi fit-tmienja (8) ta'Awwissu 2011, sabiex testendi d-drittijiet taghha skond l-Artikolu 1357 (1) tal-Kap. 16, is-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta, li biha tablet lis-socjeta' konvenuta sabiex tonora l-obbligi taghha skond il-konvenju.*

*Illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u naqqset li tikkonkludi l-bejgh sakemm il-konvenju skada minhabba li ma kellheix il-flus biex thallas il-prezz miftiehema bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti Island Ferry Three Company Limited titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tidher fuq il-kuntratt ta'bejgh sabiex tixtri l-M.V San Carlos II bit-termini u kundizzjonijiet skond il-konvenju u thallas il-prezz mifthiem.*

2. *Tifissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att definittiv li ghandu jsir minn Nutar Vanessa Pool u tinnomina kuratur ghal kull eventwali kontumaci.*

3. *Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-imghaxijiet kollha dovuti ghal kull gurnata dewmien sakemm isir il-hlas intier tal-prezz.*

*B'rizerva tar-rikorrenti ghad-danni kollha u ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Supreme Travel Limited tal-5 t'Ottubru 2011 (a fol. 9 et seq.) li taqra hekk:

1. *Illi primarjament jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija nulla u irritwali u dana stante li ma huwiex konsentit li l-kumpannija attrici tipprocedi bl-azzjoni odjerna kontra l-kumpannija Supreme Travel Limited meta kontestwalment l-istess kumpannija attrici intavolat kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghha l-istess kumpannija attrici qed titlob lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-kumpannija Supreme Travel Limited ghall-hlas ta' danni fil-forma tar-retenzjoni tad-depozitu imhallas. Fil-fatt permezz tar-rikors numru 299/11CSH fl-ismijiet Island Ferry Three Company Limited (C11944) vs Supreme Travel Limited (C16048) il-kumpannija attrici resqet azzjoni biex titlob li l-kumpannija intimata tigi ikkundannata thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' €10,620 rapprezentanti d-depozitu imhallas mill-kumpannija intimata mal-iffirmar tal-konvenju u dana stante li skond l-istess kumpannija attrici dana d-depozitu intilef ghall-favur tal-kumpannija attrici ghax skond l-istess kumpannija attrici l-kumpannija intimata naqset milli tersaq ghall-att finali ta' trasferiment. Ghandhu jinghad illi fil-kawza odjerna Supreme Travel Limited ghandha l-fakolta jew li tressaq dawk il-provi sabiex juru li kellha kawza gusta biex ma tersaqx ghall-att finali jew taccetta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali. Jekk Supreme Travel Limited taghzel li tipprova tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti li kellha kawza gusta u hekk jirnexxiela, mela ebda danni ma huma dovuti lill-kumpannija attrici u ghalhekk wisq anqas hemm raguni sabiex jintilef id-depozitu ghall-favur tal-kumpannija attrici. Jekk Supreme Travel Limited taghzel li taccetta li tersaq*

*ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tavvera ruhha t-twettiq tal-weghdha u ghalhekk anqas f'dana l-kaz ma jkun hemm danni dovuti lill-kumpannija attrici u wisq anqas hemm raguni sabiex jintilef id-depozitu ghall-favur tal-kumpannija attrici. Min-naha l-wahda bil-kawza odjerna l-kumpannija attrici qed izzomm fis-sehh il-konvenju in kwistjoni u qed titlob l-ezekuzzjoni tieghu u min-naha l-ohra l-kumpannija attrici qed tippretendi l-konvenju in ezami skada l-effett tieghu u l-ezekuzzjont tieghu ma tistax tavvera ruhu u konsegwentement qed titlob li d-depozitu imhallas mill-kumpannija intimata ghandu jintilef ghall-favur tal-kumpannija attrici. Il-kumpannija attrici kellha taghzel liema triq kellha tiehu izda li tipprova tittenta z-zewg azzjonijiet ma huwiex konsentit. Jew il-kumpannija attrici trid li Supreme Travel tixtri l-bastiment jew trid li l-bastiment ma jinbieghx lil Supreme Travel u izzomm id-depozitu. lzda ma tistax il-kumpannija attrici titlob li Supreme Travel tixtri l-bastiment u kif ukoll li Supreme Travel titlef id-depozitu. llli ghalhekk iz-zewg azzjonijiet midija mill-kumpannija attrici huma konfliggenti u konsegwentement l-azzjoni odjerna hija nulla u irritwali;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi ukoll hija proceduralment monka l-azzjoni odjerna stante li ma huwiex konsentit li jkollok zewg kawzi intavolati mill-kumpannija attrici, pendenti kontemporanjament quddiem Qrati diversi li ser jiddeciedu l-istess mertu, b'riskju li jkollok sentenzi konfliggenti u decizjonijiet li wahda timpingi direttament fuq il-mertu tal-ohra.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, fil-mertu jigi eccepit illi l-pretensjoni tal-kumpannija attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-konkluzjoni tax-xiri tal-bastiment ma setax javvera ruhu ghal ragunijiet imputabbli lill-kumpannija attrici u ghalkemm giet avzata b'dana ipprocediet bil-kawza odjerna. Konsegwentement l-kumpannija Supreme Travel Limited kellha kawza gusta sabiex ma tersaqx ghat-trasferiment tal-bastiment mertu tal-imsemmi konvenju;*

4. *Illi l-ghan ahhari tal-kumpannija rikorrenti bl-ipprezentar tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Awissu 2011 kien semplicement sabiex ittawwal l-effetti tal-*

*konvenju in vista tal-fatt li r-raguni li ghalija ma setax isir l-bejgh finali kienet imputabbli lill-istess kumpannija rikorrenti;*

5. *Illi ukoll minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-kumpannija intimata, permezz ta' ittra ufficjali, formalment infurmat lill-kumpannija rikorrenti illi hija kellha kull intenzjoni li tersaq ghax-xiri tal-bastiment MV San Carlos II bin-numru ta' registrazzjoni 08128, skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fil-konvenju tal-15 ta' Marzu 2011, u konsegwentement interpellat lill-kumpannija rikorrenti sabiex tiehu dawk il-mizuri necessarji u opportuni sabiex dana l-bejgh jigi konkjuz, izda minflok l-kumpannija ipprocediet bil-kawza odjerna;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost jigi eccepit illi fi kwalunkwe kaz fi zmien meta l-konvenju kienu ghadu fis-sehh u wara li tnehhew ir-ragunijiet imputabbli lill-kumpannija rikorrenti ghaliex t-trasferiment tal-bastiment ma setax javvera ruhu, l-kumpannija intimata resqet sabiex tixtri l-imsemmi bastiment u ghalkemm l-appuntament kien effettivament stabbilit u ghalih attendew kemm in-Nutar Vanessa Pool, rapprezentata tal-kumpannija intimata u wiehed mid-diretturi tal-kumpannija attrici, Dr. James Pace, it-trasferiment finali ma setax jigi konkjuz stante li z-zewg diretturi l-ohra tal-kumpannija rikorrenti, Dr. Malcolm Pace u Ian Pace, ghazlu li ma jattendux u ghalhekk l-kumpannija rikorrenti ma kienitx debitament rapprezentata bil-konsegwenza li t-trasferiment finali ma setax isehh;*

7. *Salv kull eccezzjoni ulterjuri permess mill-Ligi;*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-kumpannija eccipjenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici tal-5 ta' Marzu 2015 (a fol. 416 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Supreme Travel Limited tas-19 ta' Mejju 2015 (a fol. 461 et seq);

Rat in-nota ta’osservazzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ attrici tas-19 ta’Gunju 2015 (a fol. 492 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Malcolm Pace,** prodott mis-socjeta rikorrenti, xehed a fol 62 – 70 illi huwa d-direttur kif ukoll l-avukat tas-socjeta rikorrenti li kienet dahlet f'konvenju ghal bjegh ta' lanca bl-isem MV San Carlos II mas-socjeta intimata. Dan il-konvenju gie iffirmat fil-15 ta' Marzu 2011, f'liema gurnata gie ukoll konkluz konvenju iehor mas-socjeta intimata ghal bejgh tal-lanca ohra li tappartjeni lis-socjeta bl-isem Ian Pace Limited. Inqalghu xi komplikazzjonijiet peress illi kien hemm bzonn l-awtorizazzjoni tal-Qorti tal-Familja minhabba l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk kienet giet inkluza klawsola fil-konvenju fis-sens li kellu jsir rikors biex tigi ottenuta l-awtorizazzjoni biex ikun jista' jsir il-bejgh. Dan ir-rikors sar u gie milqugh, ghalkemm il-konvenju kellu jigi estiz peress illi originarjament kien validu ghal tliet xhur u r-rikors ma kienx lahaq gie dekretat. Meta informaw lis-socjeta ntimata li d-digriet kien hareg, f'Gunju 2011, is-socjeta ntimata kienet talbet estensjoni ghaliex kienu qed jistennew xi fondi mill-bank. Peress li hu Dr. Pace kien ser ikun imsiefer, kien gie miftiehem illi l-konvenju jigi estiz sal-ghaxra ta' Awwissu, minkejja li fil-konvenju kien hemm klawsola fis-sens lil-bejgh ma kienx jiddependi fuq il-*bank loan*, ghaliex Nazzareno Abela kien qalilhom li s-socjeta intimata ma kelliex problemi ta' fondi.

Wara din l-estensjoni, Dr. Pace xhed illi kienu insistew illi l-bejgh isir ghaliex is-socjeta rikorrenti kellha bzonn il-fondi. Xi ghaxart' ijiem qabel ma skada l-konvenju tkellmu ma' Abela li accerthom li kollox kien sew, li kien qed jirranga mal-bank u kien ghad baqa' biss l-ahhar affarijiet x'jiccara. Dr. Pace avzah li l-bejgh kellu jsir sal-10 ta' Awissu ghaliex s-socjeta rikorrenti ma kelliex il-hsieb terga testendi l-konvenju. Fl-ghaxra ta' Awissu imbaghad, ghal xi l-hamsa ta' filghaxija kien ircieva telefonata

minghand in-Nutar Vanessa Pool li informatu li s-socjeta ntimata kienet qed titlob estensjoni ohra minhabba li kienet ghada ma gabitx il-fondi mill-bank, u hu spjegalha li s-socjeta rikorrenti ma kienetx lesta taghti estensjoni ohra.

Kompla li kienu ghamlu laqgha mas-socjeta intimata fejn insistew li fil-konvenju kien hemm klawsola li jekk il-bejgh ma jsirx, l-ghaxra fil-mija depozitu jintilef favur is-socjeta rikorrenti. Is-socjeta ntimata minn naha taghha insistiet illi hi riedet li l-bejgh isir ghaliex ma riedux jitilfu d-depozitu. Huma provaw jaslu ghal ftehim bonarju entro t-termini tal-ligi biex jevitaw proceduri kontenzjuzi, u filfatt kien hemm laqgha ohra fejn is-socjeta rikorrenti kienet ser tnaqqas xi haga mill-prezz biex forsi jittransigu izda l-bejgh xorta ma sehhx u allura s-socjeta rikorrenti kellha tintavola dawn il-proceduri.

Spjega li apparti din il-kawza, s-socjeta rikorrenti intavolat ukoll kawza ohra illi l-ammont li gie mhallas fuq il-konvenju jintilef favur is-socjeta rikorrenti a bazi tat-termini tal-konvenju.Wara li giet intavolat din il-kawza, kien hemm laqgha ohra bejn il-partijiet fejn is-socjeta ntimata qalet illi kienet lesta li jsir il-bjegh basta ma jkun hemm l-ebda penali u ma titlifx id-depozitu. Qal ukoll illi d-drittijiet tas-socjeta rikorrenti gew pregudikati minhabba li kien hemm xi amnestiji mill-Gvern ghal arretrati ta' taxxi u kontribuzzjonijiet socjali, li kienu ser jiskadu f'Novembru, u li ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti ma setghatx tiprevalixxi ruhha minnhom in vista li l-flus mill-bejgh ma wasslux. Qal li fl-ewwel laqgha kien ippropona li jsir il-bejgh minghajr pregudizzju ghal kwistjoni ta' *forfeiture* li kellha tigi deciza mill-Qorti, pero s-socjeta intimata baqghat ferma li ma rieditx li l-bejgh isir taht dawn it-termini.

Qal ukoll illi ftit qabel ma skada l-konvenju, u peress illi s-socjeta ntimata kellha bzonn tuza dawn il-lanec biex tipprovdi *harbour cruises,* is-socjetajiet kontendenti kienu waslu fi ftehim u s-socjeta rikorrenti kienet tat il-pusses taz-zewg lanec mertu tal-konvenji lis-socjeta ntimata biex ikunu jistghu juzawhom sakemm jiskadi l-konvenju. Sal-gurnata meta kien qed jixhed, u cioe id-19 ta' Jannar 2012 dawn il-lanec kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta ntimata u ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet qed issofri *loss of earnings*.

Kompla li wara li giet prezentata l-kawza, l-avukat difensur tas-socjeta ntimata kien informah li l-bejgh ma setghax isir minhabba li kien hemm numru ta' mandati kontra s-socjeta rikorrenti. Qal li dawn il-mandati ma kienx jaf bihom peress li s-socjeta rikorrenti qatt ma kienet giet notifkata bihom, izda dawn kienu mandati kawtelatorji li waqghu awtomatikament minhabba li ma kienetx giet prezentata l-kawza entro t-terminu stipulat mill-ligi, waqt li wiehed minnhom gie itterminat ghaliex il-kreditur kien gie mhallas. Kien baqa' biss mandat wiehed, tal-mara ta' huh, peress illi l-Qorti tal-Familja kienet iddecidiet illi ghalkemm il-bejgh jista' jsir l-ammont kellu jigi ddepozitat f'kont kongunt sabiex jigu kkawtelati id-drittijiet tal-mara. Is-socjeta rikorrenti kienet ipprezentat kontro-mandat fir-rigward tal-mandati intavolati minn Alistair Shipping u Malta Tourism Authority u dan kien gie akkordat l-ghada.

**Ian Pace,** prodott mis-socjeta rikorrenti xehed a fol 72 – 75 illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta rikorrenti, u kkonferma dak kollu li xehed Malcolm Pace, li kien xehed fil-presenza tieghu. Zied illi xi sitta jew sebgha gimghat wara li kienet skadiet l-ahhar estensjoni, kien kellimhom in-nutar tas-socjeta ntimata biex jghidilhom illi jekk riedu il-gimgha ta' wara kien ser ikun hemm appuntament biex il-bejgh isir il-bank. Din il-laqgha kienet saret u kien mar ghaliha huh James. Qal illi l-posizzjoni ta' James Pace hija daqsxejn antipatika ghalih ghaliex kien hu li rranga fuq il-bejgh mas-socjeta ntimata u kien qieghed jahdem ma' Abela dak iz-zmien. Qal illi s-socjeta ntimata kienet qed tuza l-lanec ta' kuljum minkejja li ma kellha l-ebda titolu fuqhom. Spjega li s-socjeta ntimata kienet ghamlet xi xahrejn tikri l-lanec xahar b'xahar, izda meta kienet resqet id-data li jiskadi l-konvenju kienu qal lil Abela li setgha ma jhallas xejn.

Ri-prodott a fol 82 xehed illi l-ittra ufficjali ezebita a fol 81 kien sabha mhwahhla mal-grada tad-dar privata tieghu, u ma kienetx giet innotifikata fl-ufficju rregistrat tas-socjeta rikorrenti.

Riprodott a fol 88 – 90, xehed illi meta kien skada l-konvenju saret laqgha wahda wara xi jumejn jew tlieta, u s-socjeta rikorrenti issugerit li l-bejgh setgha jsir minnufih minghajr pregudizzju ghal kwistjoni tad-depozitu izda s-socjeta ntimata ma accettatx. Wara certu zmien is-socjeta ntimata kienet talbet li l-partijiet jirrangaw ghaliex xorta riedet tixtri l-lanec u ma riedetx titlef id-depozitu. Pero baqghu mhux interessati li jsir

il-bejgh minghajr pregudizzju ghal kwistjoni ta' *forfeiture*. Qal ukoll illi wara xi hames jew sitt gimghat li skada l-konvenju, huhom James kien qalilhom li s-socjeta ntimata kienet iffissat appuntament mal-bank ghax-xiri tal-lanec, izda huma ma dehrux.

**Dr. Stephan Grima,** *Head of Section of Legal Advice* mal-BOV, prodott mis-socjeta intimata, xehed a fol. 106A et seq illi kienet inghatat facilita bankarja lis-socjeta ntimata, u cioe kienet inharget is-*sanction letter* biex jinxtraw zewg lanec (ezebita a fol 106). Kien hemm appuntament tentattiv fil-15 ta' Settembru 2011 li ma kienx sehh minhabba nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk il-bank ma nghatawx s-sigurta necessarja u konsegwentement il-facilita ma nghatax. Dak in-nhar kien hemm prezenti rapprezenant taz-zewg socjetajiet kontendenti, l-avukat Dr. Farrugia u n-Nutar Dr. Vanessa Pool. Minn naha tas-socjeta rikorrenti kien hemm James Pace. Ftakar illi kienu stennew xi ftit, izda hadd iktar ma deher. Is-*sanction letter* inharget fid-9 ta' Awissu 2011.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk jafx ghalfejn l-appuntament sehh fil-15 ta' Settembru meta s-*sanction letter* harget fid-9 ta' Awissu wiegeb illi jekk jiftakar sew kien hemm diversi problemi minhabba mandati ta' inibizzjoni, u ta' mandati ta' sekwestru li kellhom jigu iccekjati.

**Dr. James Pace,** prodott mis-socjeta ntimata, xehed a fol 114 – 126 illi huwa direttur tas-socjeta rikorrenti, izda jahdem mas-socjeta ntimata. Qal illi huwa, bhala membru tal-Bord tad-Diretturi ma riedtx illi din il-kawza tigi intavolata, pero ma kienx involut fil-proceduri peress li l-kumpanija setghat tagixxi b'zewg diretturi. Wara li skada l-konvenju f'Awissu, kienet saret laqgha tat-tliet diretturi fejn kien gie deciz illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx iktar interessata li terga ggedded il-konvenju. Il-konvenju kien diga ggedded darbtejn, fuq talba tas-socjeta rikorrenti, ghaliex peress li kien hemm mandat ta' sekwestru u l-ishma ma setghux jinbieghu, kellu jsir rikors, li kien gie dekretat fis-27 ta' Gunju. Imbaghad fis-7 ta' Lulju kienet saret skrittura fejn il-lanec gew konsenjati lis-socjeta ntimata u fl-istess gurnata kien diga intavolat mandat ta' sekwestru numru 156/2011 kontra s-socjeta rikorrenti biex terz mir-rikavat tal-bejgh jigi depozitat il-Qorti. Apparti minn hekk kien ghad hemm xi mandati ta'

sekwestru li kienu skadew pero kien ghad hemm bzonn li jigi prezentat kontro-mandat li kienu dahlu in vigore fit-23 u fil-25 ta' Awissu 2011.

Kompla li sal-10 ta' Awissu 2011 kien ghad isir mat-Transport Malta l-entratura tar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni, u huwa kien filfatt cempel lil Awtorita u kellem lil Micahel Savona u Robert Vassallo li jiehdu hsieb dawn l-affarijiet. **Ghalhekk fl-ghaxra ta' Awissu 2011, li kienet id-data tal-iskadenza tal-konvenju ma setghax isir it-trasferiment tal-lanec minn fuq isem is-socjeta rikorrenti ghal fuq isem is-socjeta ntimata minhabba li fir-registri kien ghad hemm indikat mandat ta' inibizzjoni**. L-Awtorita kienet gie notifikat fid-9 ta' Awwissu 2011. Apparti dan il-mandat ta' inibizzjoni pero, kien hemm mandat iehor in vigore, u cioe mandat ta' sekwestru kontra wiehed mid-Diretturi intavolat minn martu biex ma jsirx il-bejgh. Kienet in-Nutar Vanessa Pool li informatu bl-ezistenza ta' dawn il-mandati peress li kienet qed tahdem fuq dan il-*file* xi gimgha jew gimghatejn qabel ma skada l-konvenju.

Xehed illi kienet **is-socjeta rikorrenti li rrifjutat li l-konvenju jerga jigi estiz. Is-socjeta ntimata minn naha taghha baqghat trid tixtri dawn il-lanec**. Pero imbaghad ma setghax ikun hemm ftehim bejn il-partijiet ghaliex kien qed jintalab xi ammont zejjed bhala *out of court settlement* minn naha tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' 10% tal-prezz dovut.

Dakinhar li skada l-konvenju, in-Nutar Vanessa Pool kienet cemplet lid-Diretturi l-ohra tas-socjeta ntimata biex taghtihom id-depozitu f'idejhom peress illi kien gie miftiehem illi d-depozitu jibqa' f'idejn in-Nutar imbaghad jghaddi mill-ewwel ghand is-socjeta rikorrenti sakemm isir ix-xoghol ta' karti u jersqu ghal kuntratt finali, izda dak iz-zmien is-socjeta rikorrenti kienet irrifjutat. Is-socjeta’ ntimata dejjem baqghat trid tixtri l-lanex bil-prezz originali ta' €106,200, ghaliex baqghat isostni illi d-depozitu li kienet hallset ma kienx gie mitluf ghaliex kien thallas akkont tal-prezz u mhux bhala kapparra.

F'Settembru 2011 kien hemm appuntament il-bank fejn kienu prezenti ix-xhud, Catherine Abela, Direttur tas-socjeta ntimata, u n-Nutar Vanessa Pool biex isir il-bejgh pero dan **il-bejgh ma setghax isir peress illi hadd iktar ma deher mis-socjeta**

**rikorrenti.** Kien hemm anke karozza hemmhekk tistennihom biex mill-bank imorru dritt ghand l-Awtorita dwar it-Trasport biex isir il-*bill of sale corporate* biex dawn il-bastiment jigu trasferiti u jinghalaq kollox dakinhar, izda ma sar xejn minn dan.

Qal ukoll illi s-socjeta ntimata kienet lesta li tixtri fil-15 ta' Marzu 2011 b'*cash* jew *bank draft* u minghajr il-bzonn ta' konvenju, izda l-bejgh ma setghax dakinhar minhabba li kellu jsir ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Familja.

Wara li skada l-konvenju, il-lanec kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta ntimata u baghat jintuzaw. Wara l-appuntament il-bank meta ma dehrux id-diretturi l-ohrajn tas-socjeta rikorrenti, kien ircieva telefonata minghand Surgent jew Spettur mill-ghassa ta' Tas-Sliema li qallu biex imur l-ghassa biex jitkellem mieghu rigward l-uzu ta' xi lanca. **Kien jidher li kien sar xi rapport ta' raggion fattassi mis-socjeta rikorrenti, li l-lanca kienet qed tintuza mis-socjeta ntimata minghajr awtorizzazzjoni**. Il-pulizija kienu damu biex hadu bdew proceduri kriminali kontra s-socjeta ntimata ghaliex anke kienu qed jipprovaw imewtuha u jaraw l-ezitu tas-seduti tal-kawzi li kienu lahqu gew intavolati. Sa dak it-tant, is-socjeta ntimata kienet ghada qed tuza l-lanec izda darba minnhom meta regghu dahhlu lura bl-MV San Carlos II kienu sabu ufficjali mill-Awtorita dwar it-Trasport li qalulhom biex ma jerghux johorog u bil-vjagg ghaliex id-diretturi l-ohrajn tas-socjeta rikorrenti kienu baghtu ittra lill-Awtorita biex iwwaqfuha mill-operat bhala *passenger carrying vessel*.

In kontro-ezami, a fol 128 – 141, xehed illi huwa kien Managing Director tas-socjeta rikorrenti u kien huwa li ghamel in-negozjati ma' Nazzareno Abela, Direttur tas-socjeta ntimata, rigward il-bejgh mertu ta' dawn il-proceduri, u dan wara li kienu ftehmu bhala diretturi tas-socjeta rikorrenti li jsir il-bejgh. Hu kien gie offrut xoghol waqt l-istess negozjati, u Abela kien staqsieh jekk iridx ikompli bil-lanec stess meta jinxtraw ghaliex dak iz-zmien kien jiehu hsieb tal-*operation u maintenance* taghhom.

Ikkonferma li kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja biex isir dan il-bejgh, u r-rikors necessarju kien gie prezentat immedjatament wara li gie konkluz il-konvenju. Ikkonferma wkoll li l-awtorizazzjoni kienet inghatat, u l-konvenju kien gie estiz. Tenna li x-xerrej ried jixtri immedjatament izda dan ma kienx possibli minn naha tas-socjeta rikorrenti.

Mistoqsi ghalfejn il-bejgh ma kienx sar meta l-konvenju rega skada fl-10 ta'Lulju, wiegeb li dan kien ghaliex is-socjeta ntimata kienet talbet iktar zmien biex tirranga l-affarijiet mal-bank, apparti li kien hemm bzonn ukoll li n-Nutar ggib l-appuntament tal-bank, u dokumentazzjoni minghand l-Awtorita dwar it-Trasport u l-MFSA. Fuq mistoqsija tal-Qorti wiegeb illi s-socjeta ntimata filfatt kellha l-fakolta biex tiehu l-*loan* mill-bank tant li kien hemm appuntament biex isir il-bejgh. Qal li finanzi ghal bejgh kien hemm, u s-socjeta intimata kienet biss qed tistenna li jinghata appuntament mill-bank. Qal illi l-bejgh xorta wahda ma setghax issir dakinhar peress li huh Ian kien ser ikun imsiefer.

Qabel ma rega skada l-konvenju fl-10 ta' Awissu huwa kien avza lis-socjeta ntimata li s-socjeta rikorrenti ma kienetx lesta terga ggedded il-konvenju, u li n-Nutar kienet qed tahdem fuq il-*file*. Ikkonferma illi n-Nutar kellmet lid-diretturi l-ohrajn tas-socjeta rikorrenti u proponiet li jmorru jigbru d-deposits minnufih minghandha sakemm ikun hemm appuntament biex isir il-kuntratt ta' bejgh finali. Ikkonferma li n-Nutar kienet bghatet *sms* lid-diretturi l-ohrajn tas-socjeta rikorrenti fejn qalet illi kienet qed tipprova tikkomunika maghhom, biex jigbru d-depozitu u malli jkunu lesti mill-karti, isir l-att finali. Fil-frattemp, is-socjeta ntimata kellha l-pussess ta' dawn il-lanec fuq rikjesta taghha stess peress li xtaqet tibda tuzahom u taghmel *maintenance*, sakemm isir il-kuntratt finali. Fil-fatt dan kien regolat bi ftehim bil-miktub.

Mistoqsi jekk ihossx illi kellu konflitt ta' interess bejn ix-xerrejja u l-vendituri peress illi kien hu li kien qieghed isuq dan il-bastiment, wiegeb illi ma jhossx li kellu konflitt ta' interess ghaliex il-konvenju jistipola li ma kienx hemm senserija u hu ma kien ser jiehu l-ebda *commission* mill-bejgh. Qal li kien l-importanti ghalih li l-bastiment imorru f'idejn tajbin u kien kuntent li kien ser isir hekk wara s-snin kollha li kien hadem fuq dawn il-bastimenti. Qal illi huwa beda jahdem ufficjalment mas-socjeta ntimata f'Marzu 2012, perjodu sostanzjali insegwitu tal-konvenju u d-data meta kellu jsir il-bejgh. Il-lanca MV San Carlos II baqghat tintuza sa Dicembru 2011 jew Jannar 2012.

Ikkonferma li  ma kienx qabel li tigi ntavolata l-kawza ghaliex kienet kwistjoni ta' perjodu qasir u kieku s-socjeta rikorrenti issaportiet, ma kellux dubbju li kien ser isir

il-kuntratt finali. Mistosqsi jekk jafx li kien hemm certa urgenza minn naha tas-socjeta rikorrenti biex isir il-bejgh, wiegeb fl-affermattiv peress li kien hemm xi kontijiet pendenti mal-VAT u tas-Social Security dwar arretrati u l-flus rekoverati mill-bejgh kienu sejrin ghal dan l-iskop. Mistqosi jekk kienetx ir-responsabbilita tieghu biex effetivament ihallas dawn l-arretrati, wiegeb fl-affermattiv u li filfatt kellu jaghmel arrangamenti personali biex ihallas lid-Dipartiment.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm bzonn xi haga ohra biex ikun jista' jsir il-bejgh wara li nkisbet l-awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Familja, wiegeb illi minn naha tar-Registru tal-Awtorita tat-Trasport ma kien jidher xejn pero rrizulta aktar tard li kien hemm mandati skaduti u li ghalihom kellu isir il-kontro-mandati. Imbaghad l-unika mandat li baqa' pendenti kien dak bin-numru 156/2011 li sar mill-mara ta' huh Ian, li nnotifikat lis-socjeta ntimata wkoll biex jekk isir il-bejgh, il-fondi ma jkunux jistghu jigu trasferiti hlief ghal kont kongunt bejn l-avukat taghha u l-avukat tar-ragel taghha, skont it-termini tal-istess awtorizzazzjoni tal-Qorti. Dwar il-mandati l-ohra, sar jaf meta cempel lil Awtorita biex jara saritx ir-revoka biex il-lanca tkun tista' tigi trasferita, u gie informat b'dawn il-mandati l-ohra. Mistoqsi jekk illum hemmx xi haga li timpedixxi il-bejgh, wiegeb fin-negattiv.

Qal li fuq il-konvenju kien thallas depozitu ta' 10% mill-prezz finali, li kellu jibqa' f'idejn in-Nutar Pool sakemm isir il-kuntratt finali. Mistoqsi jekk dan id-depozitu kienx *forfeitable*, wiegeb illi sa fejn jaf hu kien akkont tal-prezz. Kompla li kien hemm diffikolta biex il-partijiet jaslu ghal ftehim fuq il-bejgh wara li skada l-konvenju fl-10 ta' Awwissu 2011, **ghaliex is-socjeta rikorrenti riedet illi jsir il-bejgh minghajr pregudizzju ghal proceduri li nfethu l-Qorti ghad-depozitu.**

**Dr. Gordon Cutajar,** Assistent Registratur tal-*Merchant Shipping Directorate* ta' Transport Malta, prodott mis-socjeta ntimata, xehed a fol 351 – 355 illi fl-10 ta' Awissu 2011 kien hemm zewg impedimenti biex isir it-trasferiment tal-bastiment li mbaghad kienu gew annullati b'ordni ohra tal-Qorti. Fl-24 ta' Awwissu 2011 kienu gew informati minn Dr. Reuben Farrugia li kien hemm xi mandati ta' sekwestru in vigore, u gialadarba saru jafu b'dawn il-mandati ta' sekwestru, ma setghux jaghlqu ghajnejhom u ghalkemm ma rregistrawhomx, kienu kawti u kienu ser johduhom in

konsiderazzjoni meta jsir it-trasferiment. Dawn is-sekwestri kien kontra s-socjeta rikorrenti.

Qal li sa Awissu 2011 **zgur li kien hemm zewg mandati ta' sekwestru in vigore**. B' sekwestri in vigore, l-Awtorita ma tmexxiex bit-trasferiment minhabba sentenzi tal-Prim'Awla rigward it-trasferiment tal-vetturi li huma jimxu maghhom. Il-mandati ta' sekwestru li kienu ghadhom in vigore kienu **Rosie Lehner vs Ian Pace et; Rosie Lehner vs Island Ferry Three Co Ltd; L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta vs Island Ferry Three Co Ltd; Allistor Shipping Ltd vs Island Ferry Three Co. Ltd; u Malta Tourism Authority vs Island Ferry Three Co. Ltd.**

In kontro-ezami a fol 361 – 371 xehed illi qabel l-10 ta' Awissu 2011 ma jidhirlux li xi hadd kkomunika mieghu rigward il-bejgh ta' MV San Carlos II. L-Awtorita kienet gie informata fl-24 ta' Awissu 2011 minn Dr. Reuben Farrugia li kien hemm hames mandati in vigore, oltre l-mandati li kienet giet notifikata bihom l-Awtorita.

Rigward il-mandat -Awtorita ghat-Trasport f'Malta vs Island Ferry Three Co Ltd, kienu rcievew **il-kontro-mandat** fit-**30 ta' Awwissu 2011**; rigward il-mandat Allistor Shipping Ltd vs Island Ferry Three Co. Ltd kienu rcievew **kontro-mandat fis-26 ta' Awwissu 2011** u rigward il-mandat Malta Tourism Authority vs Island Ferry Three Co. Ltd. kienu rcievew **kontro-mandat fil-31 ta' Awwissu 2011**. Rigward il-mandat ta' inbizzjoni intavolat minn Rosie Lehner l-awtorita kienet gie notifikata li dan kien waqgha fis-27 ta' Gunju 2011, pero ghal xi raguni l-Awtorita **kienet giet notifikata fid-19 ta' Awissu 2011**.

In ri-ezami a fol 372– 375, xehed illi rigward il-mandat ta' inbizzjoni, l-Awtorita kienet f'posizzjoni li taghmel it-trasferiment fid-19 ta' Awwissu 2011, izda xorta wahda kien ghad hemm pendenti il-mandati ta' sekwestru. Sal-gurnata ta' meta kien qieghed jixhed, quddiem l-Awtorita kien jidher li ghad hemm **pendenti zewg mandati ta' sekwestru**, u cioe Rosie Lehner vs Ian Pace et u Rosie Lehner vs Island Ferry Three Co. Ltd. Minhabba f'hekk, u b'konsegwenzi tas-sentenzi tal-Qorti fuq dan il-punt, l-Awtorita ma kienitx f'posizzjoni li taghmel it-trasferiment tal-bastiment.

**In- Nutar Dr. Vanessa Pool,** prodotta mis-socjeta ntimata, a fol 377 – 379 xehdet illi il-konvenju ezebit a fol 26 et seq.kien gie iffirmat quddiemha, u li l-konvenju kien fil-maggiorparti tieghu diga redatt mill-partijiet meta marru quddiemha. Ikkonfermat li l-konvenju kien gie mgedded. Mistoqsija ghalfejn il-bejgh ma kienx sar, wiegbet illi anke meta kienu ltaqghu kien hemm xi impediment minhabba li kien hemm separazzjoni ta' wiehed mill-vendituri u kien hemm ukoll xi mandati li skoprewhom wara.

Meta kien qed jorqob iz-zmien li jiskadi l-konvenju, hija kienet cemplet lil-Transport Malta biex taghmel xi verifiki u kienet tkellmet tas-Sur Savona u Dr. Gordon Cutajar li kienu kkonfermawlha li kien hemm xi impendimenti minhabba xi mandati li kienu ghadhom in vigore u ghalhekk ma setghatx issir il-parti tal-*Merchant Shipping Register*. **Dawn il-mandati kienu kontra l-venditur**. Anke wara li skada l-konvenju, is-socjeta ntimata baqghat xorta tipprova tixtri l-lanec u **filfatt kien sar appuntament il-bank biex jigi ppubilkat il-kuntratt ta' bejgh izda l-vendituri ma dehrux.**

In kontro-ezami, a fol 379 – 384, mistoqsija jekk hija kienet ghamlet il-verifiki mat-Transport Malta qabel jew wara l-10 ta' Awissu 2011, wiegbet fl-affermattiv, jekk mhux hi personali tramite l-avukat tas-socjeta ntimata, ghalkemm ma eskludietx il-possibilita, li setghat giet nformatha bil-mandati mill-bank. Qalet ukoll illi qabel l-10 ta' Awissu 2011, hi kienet qed tipprova tikkomunika mal-partijiet kollha biex ikun jista' jsir il-bejgh.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet preliminarjament in-nullita u irritwalita tal-azzjoni rikorrenti, stante  l-ghazla tas-socjeta rikorrenti illi intavolat kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Rikors numru 299/11 CSH) sabiex jigi ddikjarat illi d-depozitu li kien gie mhallas akkont tal-prezz finali mis-socjeta ntimata jintilef favur is-socjeta rikorrenti ai termini tal-*forfeiture clause* tal-istess konvenju. Minn naha taghha, s-socjeta rikorrenti issostni illi ma jezistux ir-cirkostanzi previsti mill-ligi biex jigi dikjarat illi l-azzjoni taghha hija nulla u irritwali, u li m'hemm l-ebda konflitt bejn l-azzjonijiet proposi minnha.

Fir-rigward tal-fatti m'hemmx kontestazzjoni illi l-partijiet kienu dahlu f'konvenju ghall-bejgh tal-bastiment bl-isem MV San Carlos II, fuq liema konvenju is-socjeta ntimata hallset depozitu akkont tal-prezz, ekwivalenti ghal 10% tal-prezz finali tal-bastiment. Dan il-bejgh baqa' ma sehhx (u r-raguni ghal dan hija l-mertu ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet), u s-socjeta rikorrenti ghalhekk intavolat kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-istess ismijiet sabiex dik il-Qorti tiddeciedi illi s-socjeta intimata naqset mill-obbligi kontrattwali taghha u ghalhekk id-depozitu mhallas minnha kellu jintilef favur is-socjeta rikorrenti. Apparti dawn il-proceduri s-socjeta’ rikorrenti intavolat ukoll l-azzjoni odjerna sabiex din il-Qorti tordna l-konkluzjoni tal-bejgh.

L-iskorta tal-gurisprudenza kostanti fuq dan is-suggett tghallem illi talba ghal konkluzjoni tal-kuntratt ta' bejgh u talba ghad-danni huma improponibbli flimkien. Dan jirrifletti il-principju illi *electa una via non datum recursus ad alteram*. Kif intqal fis-sentenza **Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S. Camilleri noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar 1959, attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet lilu akkordati, neccessarjament irrinunzja ghal ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga lura fuq il-passi tieghu stess.

Il-Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza **Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ruggier noe** deciza fid-9 ta' Jannar 1995 irriteniet:

> **“[i]*t-tielet sett ta' domandi rigward danni jimplikaw li l-ftehim thassar, gie xolt, ma jistax isir. Dan huwa manifestament in kontradizzjoni ma' l-ewwel tliet domandi li jitolbu lill-konvenut jaddivjeni ghall-publikazzjoni tal-atti finali.* (...) *Lanqas huwa kaz fejn ic-citazzjoni tigi 'salvata' l-ghaliex hija difettuza fis-sustanza billi t-talbiet, kif proposti, huma inkonciljabbli.”***

Il-Qorti tqis wara analizi tal-gurisprudenza fuq il-materja, illi l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija improponibbli. Il-fatt li s-socjeta rikorrenti ghazlet li tintavola zewg azzjonijiet kompletament separati, quddiem Qrati differenti, biex minghaliha tahrab mill-effetti ta' din l-iskorta ta' gurisprudenza ma jsalvax l-azzjoni odjerna, ghaliex effettivament is-socjeta rikorrenti xorta wahda ghandha pendenti zewg azzjonijiet

konfliggenti, fejn l-intavolar ta' wahda jipprekludi l-intavolar tal-ohra minhabba li jirrizulta f'rinunzja tacita tal-azzjoni l-ohra.

Is-socjeta rikorrenti targumenta li l-azzjoni intavola minnha quddiem il-Qorti tal-Magistrati m'hijiex azzjoni ghad-danni. Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument, u ma tqisx li huwa konfortat mit-termini kuntrattwali tal-konvenju in ezami. Skont il-konvenju, id-depozitu kienu qieghed jigi mhallas fuq il-kuntratt **akkont tal-prezz**. Din kienet l-intenzjoni tal-partijiet, u filfatt dan gie konfermat minn Dr. Malcolm Pace fix-xhieda tieghu. Il-konvenju pero’ kien jipprospetta illi jekk is-socjeta ntimata ma tersaqx ghal bejgh ghal raguni mhux valida fil-ligi, id-depozitu jintilef favur is-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi azzjoni intiza biex taghti effett ghal dan tal-ahhar tirraviza ruhha f'azzjoni ghal danni. Dan qieghed jinghad ghaliex gialadarba id-depozitu kien gie mhallas akkont tal-prezz, dan d-depozitu strettament kellu jinghata lura jekk il-bejgh ma jsirx, li kieku mhux ghal din il-klawsola li tipprospetta t-telf tad-depozitu f'cirkostanzi partikolari. Fil-fatt, il-konvenju stess jidher illi jipprovdi li t-telf tad-depozitu favur is-socjeta rikorrenti javverra ruhha jekk il-kuntratt finali ta' bejgh ma jsehhx. Is-socjeta rikorrenti ma tistax tippretendi li ggieghel lis-socjeta ntimata tersaq ghal kuntratt finali ta' bejgh **filwaqt li fl-istess hin titlef id-depozitu**, meta l-konvenju jistipola li d-depozitu jintilef jekk il-bejgh ma jsehhx. Ma tidhirx li qatt kienet l-intenzjoni tal-partijiet illi s-socjeta ntimata titlef id-depozitu anke jekk il-bejgh isir.

Il-Qorti hija tal-fehma li meta s-socjeta rikorrenti ghazlet li tintavola azzjoni biex id-depozitu mhallas mis-socjeta ntimata jintilef favur taghha, **tilfet id-dritt li tipproponi jew tkompli ghaddeja b'din l-azzjoni, ghaliex dawn iz-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu proposti flimkien.**

Ghalhekk, l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata qed tigi milqugha. Illi l-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni hija abbinata mal-ewwel eccezzjoni u konsegwentement tilqa’ it-tieni eccezzjoni ukoll.

Qabel ma tghaddi biex tezamina t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ intimata, il-Qorti taghraf li l-eccezzjoni numru erbgha sa sitta huma spjegazzjoni jew

elaborazzjoni ta' fatti li jaghtu lok ghat-tielet eccezzjoni u ghalhekk ser jigu trattati flimkien.

Illi b'referenza ghat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata, u cioe' li l-bejgh finali ma avverax ruhu ghal-ragunijiet imputabbli lis-socjeta' rikorrenti, din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda indipendenti, cioe' dik ta; Dr. Gordon Cutajar u Nutar Vanessa Pool u x-xhieda ta' Dr. Stephan Grima.

Mix-xhieda ta' Dr. Cutajar, Assistant Registratur tal-*Merchant Shipping Directorate* fi hdan Transport Malta jirrizulta illi fl-10 t'Awwissu 2011 kien hemm impedimenti ghat-trasferiment tal-bastiment San Carlos II minhabba numru ta' mandati ta'sekwestru u Mandat t'Inibizzjoni kontra s-socjeta' rikorrenti.

Illi rigward l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Awtorita' ghat-Trasport f'Malta vs Island Ferry Three Company Limited, **l-Awtorita' giet notifikata bil-kontro mandat biss fit-30 t'Awwissu 2011.**

Rigward l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Alastair Shipping Limited vs Island Ferry Three Company Limited, **l-Awtorita' giet notifikata bil-kontro mandat fis-26 t'Awwissu 2011.**

Rigward l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Malta Tourism Authority vs Island Ferry Three Company Limited **l-Awtorita' giet notifikata bil-kontro mandat fil-31 t'Awwissu 2011.**

Rigward il-Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet Rosie Lehner vs Ian Pace **l-Awtorita' giet notifikata bil-kontro mandat fis-19 t'Awwissu 2011 (ghalkemm l-Ordni tal-Qorti harget fis-27 ta' Gunju 2011).- Vide xhieda a fol. 361 – 375)**

Di piu' n-Nutar Vanessa Pool (Vide fol. 377 sa 384) kkonfermat illi kienet ghamlet il-verifici necessarji ma Transport Malta u giet informatha mis-Sur Savona u Dr. Cutajar li kien hemm impediment ghal bejgh finali, minhabba numru ta'mandati in vigore.

Di piu' xhud iehor indipendenti Dr' Stephan Grima addett mal-Bank of Valletta a fol. 106A et seq ikkonferma li minkejja *sanction letter* tas-socjeta' intimata kienet harget fid-9 t'Awwissu 2011, l-appuntament mill-bank ma inghatax 'l ghaliex kien hemm diversi problemi relatati mal-Mandati ta' Sekwestru u Mandat t'Inibizzjoni li kienu ghadhom vigenti f'din id-data.

**Certament ghalhekk, sa data tal-10 t'Awwissu 2011, il-bejgh bejn is-socjetajiet kontendenti ma setghax jsehh ghar-ragunijiet imputabbli lis-socjeta' rikorrenti.**

Din il-Qorti pero' ma tistax' ma turix it-thassib taghha dwar l-agir tas-socjeta' attrici li , in segwitu ta' tnehhija ta' kull impediment ghal bejgh, u minkejja li kien skada l-konvenju bejn il-partijiet, rinfaccata bit-talba tas-socjeta' intimata ghal konkluzjoni tal-kuntratt finali, **iddecidiet li tiregetta tali talba minkejja li kienu prezenti u pronti biex jiffirmaw il-kuntratt finali d-Direttur tas-socjeta' intimata u l-Avukat difensur taghha, n-Nutar Vanessa Pool u Dr. Stephan Grima l-ufficcjali tal-bank**. **Dan l-agir m'huwiex indikattiv tal-buona fede rikjesta fl-obbligi kuntrattwali.**[1]

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata, tichad t-talbiet tar-rikorrenti,

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[1] Vide Artikolu 993 tal-Kapitolu 16 u kif ukoll sentenza Appell Civili deciz fil- 5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines; Salvu Fenech et vs Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 t'Ottubru 2003; **Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine"** Appell Civili deciz fil- 25 ta' Ġunju 1996 **London Services Limited vs Sahara Studios Company Limited et** deciza fis-7 ta'Lulju 2015